**29 ta' Settembru, 1962**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Nazzareno Frendo

**Traffiku — "Roundabout".**

*Fil-liġi lokali ma hemm xejn dwar xi dritt ta' prijorità jew preċedenza bejn vetturi fir-"roundabouts". Dan, però ma jfisserx li fir-"roundabouts" kulħadd jista' jsuq kif jogħoġbu; imma jfisser illi għandhom jiġu segwiti r-regoli ta' sewqan prudenti dettati miċ-ċirkustanzi analogi.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta kontra l-imsemmi Nazzareno Frendo talli (1) saq char-a-banc b'manjiera traskurata, (2) mingħajr liċenza għax mhux rinnovata, (3) naqas li jkollu kontroll sħieħ tal-vettura minnu misjuqa u vista sħieħa tat-trieq u tat-traffiku quddiemu, (4) b'nuqqas ta' ħsieb, traskuraġni u inosservan-

za tar-regolamenti, ħabat ma' char-a-banc ieħor u għamillu ħsara, (5) u kkaġuna ħsara fix-char-a-banc li kien qiegħed isuq; bit-*talba tal-Prosekuzzjoni* għall-iskwalifika tal-liċenza;

B'sentenza tagħha tat-23 ta' Mejju 1962 dik il-Qorti sabitu ħati tal-ewwel, tat-tieni u tat-tielet imputazzjoni, it-tielet waħda assorbita *fl-ewwel, iddikjarat* il-proċediment eżawrit fuq l-imputazzjonijiet l-oħra, u kkundannatu għall-piena tal-multa ta' £6 fuq l-ewwel imputazzjoni u s-sospensjoni tal-*liċenza* għal disat ijiem, u £5 fuq it-tieni mputazzjoni;

Rat ir-rikors tal-appell, li bih l-imputat appella u talab ir-revoka tal-parti kundannatorja ta' dik is-sentenza, u li *jiġi dikjarat mhux* ħati tal-imputazzjonijiet li tagħhom instab ħati u jiġi liberat minnhom;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Dan l-inċident stradali *żvolġa ruħu* ħdejn il-fontana ta' Kingsgate. F'din il-lokalità hemm erbgħa korsiji, ossija "lanes". Ġie stabbilit mill-provi li x-char-a-banc l-ieħor involut fil-*kolliżjoni kien* tal-linja ta' tas-Sliema, u għalhekk, skond ir-regolamenti stradali, dan seta' biss imur fl-ewwel "lane", dak, ċjoè, l-aktar *viċin lejn* il-fontana. Din iċ-ċirkustanza kienet tabilfors għak-konjizzjoni tal-appellant, li hu fuq il-linja tal-Cottonera, bit-terminus ukoll f'Kingsgate. *L-appellant, inveċe,* kien dirett għar-raba' "lane";

Dan il-fatt hu fondamentali għad-dinamika tas-sinistru, u kien għalhekk li l-perit legali Dottor Cassar, nominat f'din *l-istanza, indirizza* l-attenzjoni tiegħu "in sulle prime" biex jindaga jekk hemmx xi regolamenti li jiggovernaw id-dritt ta' prijorità *jew preċedenza* fir-"roundabouts", peress li l-fontana hi fil-fatt "roundabout". Il-perit osserva li la hawn Malta u lanqas, milli jidher, fl-Ingilterra, ma *hemm regolamenti* dwar din il-materja, għalkemm hu ċċita kweżit interessanti- dirett lill-editur ta' ġurnal awtomobilistiku, li fih tirrikorri l-osservazzjoni assennata illi, għad li ma hemmx regoli, però "safety con-

siderations are the governing factor"; u verament hekk hu, għax anki fejn hemm regola pożittiva, din ma tistgħax tiġi sforzata "ad unguem" għad-dannu tas-sewqan prudenti;

Dwar dan il-punt tar-"roundabouts" l-Imħallef sedenti josserva illi fil-liġi lokali ma hemm xejn fuq xi dritt ta' preċedenza tal-vetturi fir-"roundabouts". Kwantu għal-liġi ngliża, fl-aħħar ristampa tal-Highway Code (li hi 'a colori'), hemm dan fir-regola numru 45:— "There are no rights of way in general at roundabouts". Vwoldiri li aprijoristikament il-liġi ma tistabbilixxi ebda "right of way" fir-"roundabouts";

Dan, però, ma jfisserx li fir-"roundabouts" kulħadd jista' jsuq kif jgħoġbu, imma jfisser li għandhom jiġu segwiti r-regoli ta' sewqan prudenti, dettati f'ċirkustanzi analoġi. Kien korrett, għalhekk, il-perit, li dan il-każ jikkunsidrah bħala wieħed ta' vettura (dik ta' tas-Sliema) li qegħdha ssegwi "main road", u oħra (dik tal-appellant) li qegħdha "in procinto" li tinterċetta din il-"main road" biex taqbad "stream of traffic" divers. Kien ukoll korrett il-perit meta qal li l-appellant, bħala driver tal-vettura interċettanti kellu d-dmir gravjuri li jassikura ruħu li jista' jagħmel dik il-manuvra b'sikurezza. Infatti, trattandosi fil-każ preżenti ta' erbgħa "lanes" madwar il-fontana, dak ta' ġewwa rażenti l-fontana, li kien meta obligatorja taxchar-a-banc ta' tas-Sliema, u dak ta' barra nett, li kien ilmeta awspikata mill-vettura tal-appellant, il-każ jaqa', f'ċertu kwal mod, anki taħt ir-regoli hekk imsejħa ta' "lane discipline", li r-regola kardinali tagħhom hi dik li fil-passaġġ għall-"lane" id-driver ma għandux jikkaġuna "inconvenience or danger to other vehicles" (reg. 28 Highway Code "supra");

Din il-Qorti, għalhekk, wara li qieset il-provi, taqbel mal-perit illi l-appellant naqas mill-attenzjoni u prudenza li kienu jeħtieġu meta ġie biex jaqsam Nelson Road, u jinterċetta t-traffiku dirett minn dik it-trieq, fuq ix-xellug tiegħu, lejn il-fontana, jew ir-"roundabout". Kwantu għaż-żewġ riljevi tad-difiża, fis-sens, l-ewwel wieħed, li l-appellant kellu r-"right of way", u l-ieħor, fis-sens li d-driver tal-vettura ta' tas-Sliema kien għamel is-sorpass fuq ix-xellug anzikkè fuq il-lemin, huma adegwatament

inkontrati fil-para. 19 tar-relazzjoni kombinat mal-para. 10, li *din* il-*Qorti taqbel magħhom*;

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi billi, prevja adozzjoni tar-relazzjoni, tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Is-sospensjoni tal-liċenza tibda *tgħodd minn nhar* it-*Tnejn*, l-ewwel ta' Ottubru 1962.